MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 699/2004

**Computime Limited (C 4760)**

**vs**

**J. R. D Systems Limited (C 19469)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u sbatax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,817.14) rapprezentanti ammont dovut bhala servizzi rezi, kif jidher minn *statement of account* anness bhala Dokument "A".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, u bl-interessi sa mid-data meta l-ammont sar dovut, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-20 ta’ Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------